Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

[Spettur John Spiteri]

vs

Ritmark Borg

Kumpilazzjoni Numru: 312/18

Illum, 11 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ritmark Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 359789M akkuzat talli;

1. F'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Mejju 2018 u is-17 ta' Mejju 2018, pubblikament, xewwex persuna/persuni ohra sabiex jaghmel reat.

   Art 69 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi pubblikament, xewwex lill-persuna/persuni ohra sabiex jikser il-ligi.

   Art 70 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess fl-istess perjodu u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bl-istess apparat.

   Art 49 ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna l-imsemmija persuna sabiex thallas l-

ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu

533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli ndikati u cioe' l-Art. 69, 70 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u rega' kkonferma l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-pieni li jgibu tali imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Ritmark Borg hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta

qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum u kif ukoll multa ta' tliet mitt ewro (€300).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**